# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2021**

**Numru 6**

**Rikors Numru 972/20 TA**

**Antoine Portelli detentur tal-karta tal-identita numru 301086M u API Contractors Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 85752**

**vs**

**Graham Testa detentur tal-karta tal-identita numru 7191M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Antoine Portelli u API Contractors Limited (l-Atturi) tas-26 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. "Illi r-rikorrenti Antoine Portelli jiġġestixxi n-negozju tiegħu bl-isem ta' AP Installations u huwa wkoll l-uniku direttur u azzjonist tal-kumpannija attriċi API Contractors Limited;

2. Illi l-konvenut inkariga lill-esponenti sabiex iwettqu diversi xogħolijiet ta' demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni fil-proprjeta' tiegħu ġewwa 29, Sqaq Tomna, San Ġwann;

3. Illi l-esponenti flimkien mal-ħaddiema tagħhom wettqu dawn ix-xogħolijiet fil-fond sopra indikat, liema xogħolijiet kienu jammontaw għas-somma komplessiva ta' mija u għaxart elef u mija u ħamsa u għoxrin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€110,125.16), u dan kif jirriżulta minn fattura datata l-ewwel (1) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019) li qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A. Minn dan l-ammont, il-konvenut diġa' ħallas l-ammont ta' tlieta u sebgħin elf tlett mija u erbgħa u disgħin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€73,394.44) biex b'hekk fadal bilanċ ta' sitta u tletin elf seba' mija u tletin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€36,730.72);

4. Illi minkejja li l-konvenut ġie diversi drabi interprellat sabiex iħallas dan l-ammont, fosthom anke b'ittra ġudizzjarja datata s-26 ta' Frar, 2020 (Ittra Nru 739/20) quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-konvenut baqa' inadempjenti u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt jew fid-dritt;

5. Illi dawn il-fatti huma magħrufa minn Antoine Portelli personalment;

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-atturi jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun jogħġobha:-

1. TIDDIKJARA lill-konvenut bħala debitur tal-atturi fl-ammont ta' sitta u tletin elf seba' mija u tletin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€36,730.72);

2. TIKKUNDANNA lill-konvenut iħallas lill-atturi l-imsemmi ammont ta' sitta u tletin elf seba' mija u tletin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€36,730.72).

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Frar, 2020 (ittra uffiċjali numru 739/2020) kontra l-konvenut u bl-interessi skont il-Liġi dekorribbli mit-3 ta' Marzu, 2020 data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut, liema konvenut huwa minn issa stess imħarrek in subizzjoni."

Rat li Graham Testa (il-Konvenut) notifikat kif trid il-liġi bir-rikors ġuramentat, fit-2 ta' Marzu 2021, presenta rikors abbażi tal-artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:

"Illi dan ir-rikors qiegħed jitressaq a tenur tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta), bla ħsara għal kwalunkwe eċċezzjoni li l-esponenti jista' eventwalment iressaq kemm fi proċeduri

arbitrali (f'każ li dan ir-rikors jintlaqa') u kemm jekk b'risposta ġuramentata (f'każ illi din il-Qorti tiċħad it-talba).

Illi l-esponenti jirreferi għall-ftehim bejn il-partijiet li huwa l-bażi tal-vertenza odjerna, ossia l-ftehim iffirmat fis-6 ta' Diċembru tas-sena 2017 (Anness bħala **Dok. GT1**), partikolarment il-klawżola (i) li tgħid kif ġej:

> In the event of any dispute or differences arising between the parties in connection with this agreement, then the parties shall in agreement appoint an architect not affiliated with the project to assist in resolving the matter, however, should dispute pursue shall submit to the arbitration of the Malta Arbitration Centre in accordance with the Arbitration Act (Chapter 387) of the Laws of Malta.

Illi l-esponenti tramite ittra legali (Anness bħala **Dok. GT2**) kien formalment talab lir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri sabiex jiġi appuntat perit bi ftehim bejn il-partijiet;

Illi huwa ċar li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li kwalunkwe kontestazzjoni tiġi riferuta liċ-Ċentru ta' Arbitraġġ u huwa sottomess illi b'applikazzjoni ta' din il-klawżola arbitrali, dina l-Onorabbli Qorti għandha twaqqaf il-proċedimenti quddiemha fl-ismijiet premessi, u tissopprassjedi sakemm il-vertenza bejn il-partijiet tiġi riferuta għal arbitraġġ skont il-liġi u skond il-ftehim bejn il-partijiet.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha twaqqaf il-proċedimenti quddiemha fl-ismijiet premessi, filwaqt illi tagħti kwalunkwe` provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun."

Rat ir-risposta tal-Atturi tal-10 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha wieġbu għar-rikors imsemmi tal-konvenut bil-mod segwenti:

1. "Illi permezz ta' dan ir-rikors l-konvenut qed jitlob lill-Onorabbli Qorti li "*twaqqaf il-procedimenti quddiemha fl-ismijiet premessi*" u dan b'referenza għal ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-6 ta' Dicembru 2017.

2. Illi fl-ewwel lok għandu jigi rilevat illi huwa prinċipju ġenerali accettat mill-Qrati tagħna li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri, f'dan il-każ mir-Rikors Ġuramentat intavolat mill-esponenti fl-20 ta' Ottubru, 2020. Imkien f'dan ir-Rikors Ġuramentat l-esponenti ma nvokaw jew għamlu referenza għall-imsemmi ftehim. Għalhekk quddiem l-Onorabbli Qorti ma hemm ebda "*dispute or differences*"

dwar il-ftehim ċitat mill-konvenut, iżda talba għal kundanna għall-ħlas tal-konvenut *sic et sempliciter* li permezz tagħha l-esponenti qegħdin jitolbu li jitħallsu dak dovut lilhom in konnessjoni max-xogħolijiet imwettqa fil-propjeta' tal-konvenut.

3. Illi fit-tieni lok, minn qari tal-klawsola li għaliha qiegħed jagħmel referenza l-konvenut fir-rikors tiegħu jirriżulta b'mod ċar li l-intenzjoni tal-partijiet ma kinitx li jeskludu l-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili f'kaz ta' sempliċi talba għall-hlas. Permezz ta' dik il-klawsola, il-partijiet kienu qegħdin jaqblu li f'kaz li tqum xi divergenza dwar it-termini ta' dak il-ftehim allura dik id-diverġenza tiġi riferuta lill-perit arkitett magħzul minnhom jew fin-nuqqas liċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ. Huwa proprju għal din ir-raguni li l-kliem użat f'dik il-klawsola kien "*any dispute or differences*" u mhux "*any claim*", u huwa għal din l-istess raguni li l-partijiet kienu qablu li l-kwistjoni tiġi l-ewwel riferuta lill-perit arkitett magħżul bejniethom.

4. Kif gja ingħad, permezz tar-Rikors Ġuramentat tagħhom l-esponenti ma humiex qegħdin jitolbu lill-Onorabbli Qorti sabiex issolvi xi disputa jew differenzi dwar dan il-ftehim. Kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-kors ta' dawn il-proċeduri, ix-xogħolijiet li kellhom isiru mill-esponenti għab-bazi ta' dak il-ftehim ilhom żmien li ġew kompletati għas-sodisfazzjon tal-perit inkarigat mill-konvenut stess. Dak li qegħdin jitolbu l-esponenti permezz tal-kawża odjerna huwa li l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom il-bilanċ dovut minnu fis-somma ta' €36,730.72, u dan kif jirriżulta mill-fattura datata l-1 ta' Ottubru, 2019 (annessa mar-Rikors Ġuramentat u mmarkata bhala Dok. A).

5. Illi fi kwalunkwe każ, imkien fl-imsemmija klawsola l-partijiet ma użaw jew indikaw li ċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ kellu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jiddeċiedi kwalunkwe kwistjoni bejn il-partijiet.

6. Illi għalhekk, il-ġurisdizzjoni li tisma u tiddeċiedi din il-kawza hija ta' din l-Onorabbli Qorti u konsegwentement it-talba tal-konvenut sabiex dawn il-proċeduri ma jibqgħux jinstemgħu mill-Onorabbli Qorti għandha tigi michuda.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottomettu li qabel ma ġiet intavoalta din il-kawża, il-konvenut ġie diversi drabi interprellat sabiex iħallas dan l-ammont, fosthom anke b'ittra ġudizzjarja datata s-26 ta' Frar, 2020 (Ittra Nru 739/20 annessa mar-Rikors Ġuramentat u mmarkata bħala Dok. B). Minkejja tali interpellazzjoni, il-konvenut baqa' inadempjenti. Mill-atti li għandha quddiemha l-Onorabbli Qorti, ma jirrizultax li l-konvenut għamel ebda tentattiv sabiex jibda arbitraġġ mal-esponenti.

8. F'dan ir-rigward, l-esponenti jagħmlu referenza għal diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna dwar dan il-punt u senjatament:

i. sentenza mogħtija nhar l-20 ta' Frar 2004 minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta[1] fil-kawża fl-ismijiet **Marco Attard vs SMS Insurance Agency** fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċahdet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha u dana wara li rriteniet hekk:

*"Barra minn hekk ….. jidher li ma irrispondewx għall-ittra ufficjali tal-attur illi giet prezentata qabel il-kawza. Għalhekk kif argumentat fis-sentenza Gatt vs Facchetti (Qorti tal-Appell 10 ta' Ottubru 2003) ….. billi arbitragg ma jistx imur wiehed wahdu dan il-fatt wahdu għandhu jispingi l-Qorti biex tichad l-ewwel eccezzjoni. Lanqas hu gust li wiehed joqgħod jistenna li jigi imharrek biex imbagħad jiftakar li seta' invoka arbitragg meta l-attur għamel it-talba tiegħu lill-konvenuti."*

ii. sentenza mogħtija nhar il-25 ta' Frar 2005 mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Calibre Industries Ltd vs Muscat Motors Ltd**, li permezz tagħha l-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti li kienet ċaħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha u rriteniet hekk:

"*Infatti l-ewwel qorti għamlet referenza għal diversi pronunzjament in materja minn fejn jirrizulta li l-principju tal-eskluzzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji huwa benn accettat u rispettat inkwantu dan huwa espressjoni tal-volonta` tal-kontraenti li għal kull fini u effett tal-ligi jammonta għal-ligi bejn l-istess partijiet.* ***<u>B'dana kollu jkun hemm cirkostanzi meta, bl-agir ta' parti, id-dritt tal-parti l-ohra li tottieni sodisfazzjon għall-pretensjonijiet tagħha permezz tal-intervent tal-arbitri skond ma jkun provdut fil-kuntratt, jigi stultifikat. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qrati dejjem sostnew li l-parti interessata għandha dritt li tirrikorri lill-Qorti.</u>***

*Fil-kaz in ezami l-ewwel qorti irrilevat li għalkemm il-partijiet, fil-klawsola 53 tal-kuntratt ta' l-appalt, kienu stipulaw li "Any dispute ……shall be finally settled by arbitration….." irrizulta bl-aktar mod car li għalkemm kien hemm kontroversja bejn il-kontraenti s-socjeta` konvenuta naqset li tirrispetta x-xewqa tas-socjeta` attrici li kull pendenza tigi deciza bl-intervent ta' persuni indipendenti kif titlob il-klawsola imsemmija. Infatti jidher li minkejja zewg faxes u ittra ufficjali mibgħuta mill-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta la wiegbet u lanqas ma jirrizulta li għamlet xejn biex il-proceduri ta' arbitragg jinbdew. F'dan il-kuntest din il-Qorti tosserva wkoll li l-*

[1] *Per* Imhallef Joseph Azzopardi

*obbligu li wiehed jirrikorri għall-procedura ta' arbitragg meta jinqala disgwid qiegħed fuq iz-zewg partijiet u għalhekk meta s-socjeta` attrici kitbet lis-socjeta` konvenuta fis-6 ta' April, 2001 (fol. 91), fejn ssottolineat il-punti ta' divergenza, u dan wara laqgħa li kienet saret bejn il-partijiet interessati fit-2 ta' April ta' l-istess sena,* ***kien jinkombi ukoll fuq is-socjeta` konvenuta li tibda hi stess proceduri ta' arbitragg biex il-vertenza tigi solvuta****. Izda għal darb ohra jidher li s-socjeta` konvenuta injorat kompletament din l-ittra*." **(enfazi tal-esponenti)**.

iii. sentenza riċenti mogħtija nhar is-6 ta' Lulju 2020 minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta[2] fil-kawża fl-ismijiet **Trasporti e Movimenti Terra Ltd vs Schembri Infrastructure Ltd** (Rikors Numru 28/2013 FDP), fejn f'cirkostanzi simili għal dawk odjerni, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tagħha u dana wara li rriteniet hekk:

*"47. Il-Qorti tifhem illi, la darba s-soċjeta' intimata espremiet il-fatt illi kien hemm diverġenza u la darba naqqset milli tirreferi dina l-kwistjoni għall-arbitraġġ skond il-ftehim, kienet hija stess illi kienet in vjolazzjoni tal-ftehim ta' arbitraġġ, u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti kellha kull dritt illi, aktar minn ħames xhur wara l-aħħar korrispondenza tas-soċjeta' intimata, u wara li s-soċjeta' intimata ma għamlet xejn, nediet il-proċeduri odjerni.*

*48. Il-Qorti tosserva illi r-regoli huma hemm biex jiġu osservati u mhux abbużati – fil-każ odjern, is-soċjeta' intimata kellha obbligu illi tmexxi b'arbitraġġ in vista tal-oġġezzjonijiet illi hija ressqet u, la darba ma ressqet ebda arbitraġġ fi żmien raġjonevoli, hija għażlet illi ma tenforzax l-effetti tal-klawsola tal-esklussivita tal-arbitraġġ u kkonċediet lis-soċjeta' rikorrenti id-dritt illi tipproċedi bl-azzjoni odjerna."*

9. L-esponenti jaqblu perfettament mal-insenjamenti tal-Qrati tagħna hawn fuq riportati u huma tal-umli fehma li dawn l-istess insenjamenti għandhom jiġu appliakti minn din l-Onorabbli Qorti f'dan il-każ.

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottomettu li fl-eventwalita' li l-Onorabbli Qorti tqis li din il-kawża ma setgħetx tinġieb quddiemHa għab-bażi tal-klawsola ċitata mill-konvenut, allura l-esponenti jagħmlu referenza għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu li f'tali

[2] *Per* Imhallef Francesco Depasquale

> cirkostanzi din il-Qorti għandha tordna li *"l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża*", u għalhekk f'dan il-kaz l-atti għandhom jintbagħtu liċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ."

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet lill-abbli difensuri jittrattaw ir-rikors in kwistjoni fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021;

Rat li r-rikors imsemmi tħalla għall-provvediment għal-lum.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti relatati għall-kwistjoni li għandha quddiemha huma sempliċi.

**2.** Ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija waħda kuntrattwali regolata bi ftehim datat 6 ta' Diċembru 2017 bl-ilsien ingliż, fejn fost klawsoli oħra fi klawsola (i) il-partijiet stipulaw hekk:

> *"In the event of a dispute or differences arising between the parties in connection with this agreement, then the parties shall in agreement appoint an architect not affiliated with the project to assist in resolving the matter, however should dispute pursue shall submit to the arbitration of the Malta Arbitration Centre in accordance with the Arbitration Act (Chapter 387) of the Laws of Malta.*

**3.** Il-Kawża timmira għall-ħlas li għadu dovut lill-Atturi għal xogħolijiet li rrendew lill-Konvenut. Il-konvenut qed jippretendi, li b'konsegwenza ta' dik il-klawsola, din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-mertu għaliex si trattat ta' "*dispute*" u bħala tali għandha tkun riżolta permezz ta' arbitraġġ fit-termini ta' dak li jiddisponi Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta u dan skont kif ftehmu l-partijiet fil-klawsola imsemmija.

**4.** Din hija l-vertenza unika li trid tiddeċiedi din il-Qorti f'dan l-istadju tal-Kawża, qabel tkompli tisma' fil-mertu. Il-Kawża għalhekk tħalliet għallum għas-Sentenza fuq dan il-punt partikulari.

**Konsiderazzjonijiet**

**5.** Il-Qorti tibda biex tiċċara, li għalkemm il-proċeduri tħallew għall-provvediment fil-miftuħ, il-kwistjoni trid bil-fors tkun determinata b'Sentenza u mhux b'sempliċi provvediment jew digriet. Il-Qorti tqis, li dak li tqanqal fir-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Marzu, 2021, hija fix-xorta tagħha eċċezzjoni, imnissla minn liġi speċjali u ċioe' il-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta. Eċċezzjoni partikolari, li mhux biss trid tingħata qabel kull eċċezzjoni oħra, iżda terġa' u tgħid, qabel ma ssir risposta ġuramentata. Il-vertenza tirrigwarda l-ġurisdizzjoni ossia kompetenza ta' din il-Qorti. Għal kull eċċezzjoni ta' din in-natura japplika għalhekk l-artikolu 730 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"*L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata,preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.*"

**6.** Dawn il-Qrati jgħallmu sa fejn jirrigwarda l-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ġurisdizzjoni li "*Qabel xejn jinghad li dina l-ahhar eccezzjoni fuq imsemmija skond l-Art 731 (illum Art 730) tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi deciza b'kap separat u n-nuqqas ta' decizjoni taghha proprjament tikkostitwixxi nullita' imhabba difett ta' forma u peress li tikkoncerna l-ammissibilita' tal-kawza, u li r-rimedju normalment huwa dak li s-sentenza tigi annullata u l-attijiet jigu mill-gdid rinvijati lill-ewwel Qorti*" (Ara **Appell tat-12 ta' Diċembru 1931 fl-ismijiet Cassar -vs- Cachia, Vol XXVII pl p663 ; Appell tas-7 ta' Mejju 1951, fl-ismijiet Carmelo Micallef -vs- Brigadier John B. McCanee , Qorti tal-Kummerċ, 5 ta' Frar 1895 fl-ismijiet Califato noe -vs- Muscat noe, Vol XV paġ 44 u kif ukoll Sentenza tal-Prim Awla tat-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2020 fl-ismijiet Ta' Sardinia Company Limited -v-s Kummissarju tal-Artijiet et**).

**7.** Dwar l-effett ta' klawsoli arbitrali, il-Qrati tagħna dejjem kienu konstanti u saħansitra anke evolvew duttrina li maż-żmien anke sabet rifless fil-liġijiet tagħna. Klawsola bħal din tippostula sitwazzjoni preċiża li fiha l-partijiet fil-kuntratt ta' jistabilxxu kif għandha tkun, riżolta disputa, b'mezzi alternattivi għal dawk konvenzjonali u ordinarji, f'dan il-każ

permezz ta' arbitraġġ. Imma il-Qrati, anke minħabba r-rikonoxximent Kostituzzjonali tagħhom, ma jridux li l-kompetenza u ġurisdizzjoni tagħhom tiġi imwarrba għal kollox u li sa fejn ikun meħtieġ huma dejjem jibqgħu f'posizzjoni li jiskrutinaw tali kalwsoli arbitrali.

**8.** A propositu tal-kontenut u l-portata ta' din tal-klawsola fuq imsemmija, u dan anke fid-dawl ta' ċerta ġurisprudenza, irid jingħad li l-Qrati tagħna dejjem ammettew il-validita` tal-klawsola arbitrali li tiġi miftehma bejn il-partijiet u li allura tneħħi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti, salv ir-rimedju ġudizzjarju wara l-arbitraġġ, jekk ikun il-każ (**Ara Kolleż. Vol. XXV P I p 1071, Vol. XXVIII P I p 674 u Vol. XXXIII P III p 509**). Ġaladarba hija klawsola kompromissorja, din intrinsikament tidderoga għall-ġurisdizzjoni ordinarja ta' dawn il-Qrati u tati lok għall-eċċezzjoni ta' inkompetenza. Dan ifisser, li jekk waħda mill-partijiet tipproċedi quddiem il-qorti ordinarja, l-konvenut jista' bi dritt jopponi billi jissofferma l-inkompetenza tal-Qorti ordinarja u jinsisti fuq l-arbitraġġ.

**9.** Sa ċertu punt din kienet il-ġurisprudenza prevalenti, qabel ma saru l-emendi fil-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta bl-Att XXIV ta' l-1995. Illum is-sitwazzjoni hija regolata b'artikolu 742 (3) ta' dan il-Kodiċi jipprovdi illi "*il-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-*

*procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u ghas-setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva*."

**10.** Kif wieħed jista' josserva, dan l-artikolu huwa kompattibli ma' dak li jipprovdi l-artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta, li ukoll ma jirroftax għal kollox il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji tant li jiddisponi li kull proċedura quddiem dawn il-Qrati għandha tkun sospiża u mhux imwarrba. F'sens omoġeneju l-artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta jikkumplimenta l-artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. (Ara **Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Cobra Investments Ltd -vs- Stephen Caruana tat-18 tat-Novembru 2013 per il-kompjant Imħallef Gino Camilleri**).

**11.** Fid-**Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet George Camilleri -vs- Hugh P. Zammit nomine** huwa spjegat "*il-ligi (fl-Artikolu 742 (3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partjiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom ilkompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi ... Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742 (3) ma kinietx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma <u>intiza biss</u>*

*biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."* (Emfażi ta' din il-Qorti).

**12.** Dejjem b'referenza għall-Artikolu 742 (3) dawn il-Qrati jkomplu jispjegaw illi "naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tiġi reża bla ebda effett bis-sempliċi rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero` li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali." (emfażi ta' din il-Qorti u ara **Deċiżjoni Qorti Appell fl-ismijiet George Xuereb -vs- Accountant General et tat-28 ta' Frar 1997**).

**13.** Fil-kuntest tal-vertenza li qed tkun trattata, dawk il-partijiet tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta li jinteressaw lil din il-Qorti huma artikolu 15 (2) u (3) li jiddisponu hekk:

*"(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, tilwima tinkludi kull kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim jew li jkollha x'taqsam miegħu, jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidità tal-ftehim jew in-nuqqas ta' tħaris tal-ftehim.*

*(3) Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta'arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti*

*kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet."*

**14.** Il-Qorti tibda biex tosserva li l-Atturi fir-rikors promotur tagħhom f'ebda ħin ma għamlu referenza għall-ftehim fuq imsemmi. Pero xorta jibqa' bħala fatt li fl-imsemmi ftehim, il-partijiet qablu li x-xogħolijiet li kellha tirrendi is-Soċjeta' Konvenuta kellu jkun versu ħlas globali ta' tmenin elf euro (€80,000). Iżda l-partijiet ftehmu ukoll li *"any variations from original scope of works to be valued based on the appended schedule rates"* (ara a' fol 21). Mill-atti jirrisulta li l-ammont li qed jitolbu l-Atturi huwa dak ta' sitta u tletin elf euro (€36,000) circa, pero' ix-xogħol kollu tela' għal 'l fuq minn mija u għaxart elef euro (€110,000).

**15.** Dan ifisser, li skont l-imsemmi ftehim l-ammont jeċċedi dak globali li ftehmu dwaru kif fuq ingħad. Il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li tkun taf f'hiex tikkonsisti bi preċiżjoni d-difiża tal-konvenut. Jidher, li ma hux jaqbel mal-

ammonti li qed jintalbu, tant li l-Konvenut b'ittra legali tad-9 ta' Awwissu 2019 talab lis-Soċjeta' Attriċi sabiex fit-termini ta' dak maqbul fil-klawsola fuq imsemmija, jitqabbad perit li ma għandux x'jaqsam ma għandux x'jaqsam mal-proġett biex iwassal lill-partijiet għal riżoluzzjoni tat-tilwima (ara a' fol 28).

**16.** Il-Qorti hija konvinta li din hija tilwima li titnissel mill-ftehim fuq imsemmi tant li f'dak il-ftehim anke ħasbu għall-kontinġenza simili. Għalhekk taqa' fid-definizzjoni ta' tilwima skond artikolu 15(2) tal-Kap 387 tal-liġijiet.

**17.** Huwa fatt li l-Atturi pproċedew b'dawn il-Kawża qabel ma eżawrew ir-rimedju li l-partijiet provdew għalih kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel. Il-Qrati dejjem irritenew li klawsola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt u li tkun tipprovdi għal arbitraġġ għandha titqies bħala ftehim indipendenti mill-parti l-oħra tal-kuntratt (**ara Re Cobra supra**). Tant li klawsola arbitrali tissopravivi anke l-kompletazzjoni ta' xogħolijiet li jsiru b'kuntratt jekk wara jinqalgħu tilwimiet inkonnessjoni mal-kuntratt prinċipali.

**18.** Il-Konvenut ried li jirrisolvi din il-kwistjoni skont il-klawsola arbitrali maqbula bejn il-partijiet, iżda kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, din it-talba ġiet injorata mill-Atturi u pproċedew bil-kawża odjerna minflok. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jiddisponi l-artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta:

*"Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le ,f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva."* (Emfażi tal-Qorti).

**19.** Dan ifisser, li d-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap.387 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż għalhekk l-Artikolu 15(3), ma jistgħux jiġu injorati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda jidher ukoll li l-għan tal-imsemmi artikolu 742(3) hu li tiġi enfasizzata r-regola, li fi kwalunkwe każ, hi dejjem il-qorti ordinarja li hi fdata bl-interpretazzjoni bit-tħaddim ta' klawsola arbitrali. Hawnhekk ir-rwol tal-qorti prinċipalment hu regolatorju, pero' għandha ukoll il-kompetenza li tiddeċiedi kwestjoni li jistgħu jkunu koperti mill-klawsola arbitrali. (ara **Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati [Malta] tat-23 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet Maltajets Limited -vs- MaltaTicket.com Limited**).

**20.** Għalhekk il-Qorti tħoss li għandha tissospendi din il-Kawża sakemm il-mertu jkun deċiż fit-termini ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fi klawsola (i) tal-ftehim data 6 ta' Diċembru 2017. B'dana, li bis-saħħa tal-artikolu 742(3) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li qabel ma t-Tribunal tal-Arbitraġġ jibda jisma' u jitratta it-tilwima fil-mertu, għandu qabel xejn jagħti

żmien qasir u perentorju, biex il-partijiet jirreferu t-tilwima lil Perit li ma għandux x'jaqsam mal-proġett fis-sens kif miftiehem fi klawsola (i) tal-ftehim fuq imsemmi.

**21.** Fin-nuqqas ta' ebda eżitu saż-żmien mogħti, it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jkompli jisma' il-mertu tat-tilwima u jipprovdi dwarha.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tal-konvenut Graham Testa tat-2 ta' Marzu 2021 bil-mod kif spjegat fl-aħħar paragrafu numru 20 tal-konsiderazzjonijiet. Għalhekk qed twaqqaf dawn il-proċeduri u tħalli l-kawża *sine die* pendenti l-eżitu tal-arbitraġġ inkwistjoni.

Tordna sabiex kif jitlob l-artikolu 15(4) tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta, din is-Sentenza tiġi notifikata lit-Tribunal tal-Arbitraġġ kif kostitwit taħt din il-liġi u sabiex dan jagħmel dak li titlob minnu l-liġi skont id-direzzjoni mogħtija minn din il-Qorti.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri riservati skont l-eżitu tal-arbitraġġ.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**